# Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta u l-Banda 'La Valette'

**minn Joseph C Camilleri**

*BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)*

Kull lokalità f'Malta u Għawdex li għandha passat għandha banda jew tnejn. Ħaż-Żebbuġ hu l-aktar lokalità sinjura fejn jidħlu l-baned. Hawn insibu tlieta. Fil-Belt Valletta nsibu diversi festi – San Pawl Nawfragu, San Duminku, Santu Wistin, Il-Madonna tal-Karmnu, eċċ. Ħafna minn dawn il-festi huma marbuta ma' waħda minn żewġ baned li jinsabu bejn is-swar storiċi ta' din il-belt – 'La Valette' u l-'King's Own'. Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ntrabtet mal-Banda Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' mill-ewwel snin tat-twelid ta' din il-banda.

L.Z. (aktarx Lorenzo Zahra) kiteb hekk: "Il-Banda 'La Valette' mal-bidu tagħha l-ewwel li ħadet sehem kien fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu." Dan jixhdu rapport li deher fil-gazzetta Corriere Mercantile Maltese. Din il-gazzetta ssejjaħ il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tas-sena 1875: 'grandissima gioia' (ferħ kbir). Ir-rapport isemmi l-fatturi li ġabu magħhom dan is-suċċess f'dik il-festa tal-Karmnu – l-organizzazzjoni tajba, dawl, tiżjin, il-logħob tan-nar u d-daqq ta' diversi baned. U jkompli jgħid li kien hemm sew baned militari u sew ċivili. L.Z. jikkommenta fuq il-Banda La Valette: "Il-Banda 'La Valette' nistgħu ngħidu li kienet għadha qed tikber għaliex ma kinitx ilha li ngħaqdet u dehret f'din il-festa bħala banda ġdida." Dan jaqbel mar-rapport li deher fl-istess gazzetta fejn jingħad li kienet: *"... di novella formazione e che molto si distinse, quantunque suonate per la prima volta in piena via"*. L.Z. jikkummenta hekk fuq din il-kitba tal-gazzetta: "..il-banda ġdida ddistingwiet ruħha għax dehret fit-toroq għall-ewwel darba. Jidher li f'din id-dehra tagħha l-Banda tat sodisfazzjon għax kulħadd kien għajnejh fuqha bħala banda ġdida li qabdet it-triq tal-progress."



Paolo Darmanin:
Fundatur tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali "La Valette"

**Il-Banda 'La Valette' sal-festa tal-Karmnu 1875**

Il-Banda Filarmonika Nazzjonali La Valette twaqqfet minn Pawlu Darmanin. Huwa xtaq li l-banda ġġorr l-isem ta' *'Società Filarmica San Paolo'* iżda l-President tal-Każin tal-banda xtaq li jkun magħruf bl-isem tal-fundatur tal-belt Valletta – il-Gran Mastru Jean De Valette. San Pawl daħal fl-istorja u ġie maħtur bħala Patrun tas-Soċjetà. L-ewwel darba li l-banda dehret quddiem il-pubbliku kien f'28 ta' Mejju 1875. Kienet serata ddedikata lill-baritonu Lorenzo del Ruccio. Iż-żewġ gazzetti ta' dak iż-żmien – *Portafoglio Maltese* u *Corriere Mercantile Maltese*, faħħru lill-banda għal-livell li leħqet. Il-banda kienet immexxija mill-Professur Luigi Carabott. Dan ifisser li l-banda La Valette bdiet

tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fl-istess sena li seħħet l-ewwel dehra tal-banda fil-pubbliku.

**Festa bħal dik**

Hemm diversi raġunijiet li rabtu din il-banda mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu. L-ewwel u qabel kollox din il-banda bdiet fl-inħawi ta' Marsamxett, ftit passi 'l bogħod mis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu. It-tieni ħaġa hi, din il-banda rabtet ruħha mal-festa tal-Karmnu u matul is-snin inħolqu diversi xogħlijiet mużikali biex jindaqqu fil-marċijiet tal-festa, fosthom xogħlijiet tas-surmastrijiet E. Bartoli, Vincenzo Carabott u Cardenio Botti. It-tielet raġuni kienet ir-rabta li kien hemm bejn iċ-*'Circolo Sant'Elia'* u l-banda. Iċ-*Circolo*, immexxi mill-patrijiet Karmelitani, kellu xi wħud mill-membri tiegħu membri wkoll tal-banda u l-każin 'La Valette', b'uħud minnhom li saru presidenti u surmastrijiet.

Din ir-rabta tidher ukoll waqt il-festi li saru fis-Santwarju fl-okkażjoni tal-għotja tat-titlu ta' Bażilika Minuri lill-knisja tal-Karmnu. P. Martin Schembri jgħid li l-President u l-Kumitat tal-Każin u l-banda 'La Valette' kienu kollha preżenti meta l-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Pietru Pawl Pace, qara d-diġriet. Barra minn hekk, is-sehem tal-banda f'dik is-sena kien wieħed ikbar u itwal. Jekk wieħed iżur is-sede tal-Banda għandu jsib diversi oġġetti li ġew mogħtija mill-partitarji Karmelitani. Jingħad li hemm mas-26 biċċa tal-fidda u 4 standardi bl-armi tal-Karmnu u ta' San Elija.

**Il-banda 'La Valette'**

Fil-bidu l-banda 'La Valette' bdiet tissejjaħ *'cittadina'* sabiex tintgħaraf mill-baned li kienu



Is-Soċjetà Filarmonija Nazzjonali "La Valette" – 1876

marbutin ma' xi reġiment. Wara t-twaqqif ta' xi baned Maltin, daħlet id-drawwa li l-baned jissejħu għal xi membru tal-familja rjali Ingliża. Wara din il-mewġa beda jinħass l-effett tal-politika lokali. Beda dieħel sens ta' nazzjonaliżmu Malti. L-għajta bdiet iddur fuq id-drittijiet kostituzzjonali. Bħala parti minn din il-mewġa ta' ħsibijiet il-Maltin bdew jużaw il-kelma *nazzjonali.* Alfred Zahra jikteb hekk: "Aktar 'il quddiem meta beda jinħass il-patrunaġġ politiku, beda dieħel is-sens ta' Nazzjonaliżmu għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet Kostituzzjonali, u bdiet issir aktar enfasi fuq il-kelma Nazzjonali minn dawk il-baned li riedu jiddistingwu ruħhom bejn dawk li kellhom sens ta' lealità lejn il-Kuruna (Ingliża) u oħrajn li filwaqt li kellhom il-lealità lejn il-Kuruna, kienu kburin li kienu baned Maltin. Ma' din il-klassi ta' baned kien hemm dik ta' 'La Valette'".

Hemm diversi raġunijiet għaliex 'La Valette' hija banda nazzjonali. L-ewwel u qabel kollox fil-każin ta' 'La Valette' kien hemm nies imdaħlin fil-qasam politiku bħal Fortunato Mizzi. Ma' Mizzi wieħed jista' jsemmi lill-Kom. J. Howard, Dr Ugo Mifsud, Dr George Borg Olivier, Sir Filippo Sceberras, eċċ. Il-każin u l-banda ssemmew għall-Gran Mastru Jean de Valette bħala tislima għal dak il-bniedem li ħabrek biex jibni belt ġdida, il-Belt Valletta. Barra minn hekk, maż-żmien il-banda baqgħet marbuta mal-kelma nazzjonali waqt li baned oħrajn bdew iħarsu lejn il-festa tal-lokal. Raġuni oħra għaliex il-banda 'La Valette' hija banda nazzjonali għaliex hemm rabta bejn il-każin ta' din il-banda u l-mixja lejn stat sovran. Alfred Zahra jikteb: "Wieħed irid ifakkar li ħafna mill-ħidma għal-libertà kostituzzjonali kienet issir propju fil-Każin tas-Soċjetà."

Meta l-parlament għadda liġi dwar l-użu tal-kelma nazzjonali, il-banda ma komplietx tissejjaħ b'din il-kelma. Iżda fl-1989 il-kumitat tal-banda talab biex terġa' tiddaħħal il-kelma nazzjonali. Din ġiet approvata b'ittra tal-Gvern Malti li jġib id-data tal-31 ta' Jannar 1990. B'hekk il-banda reġgħet bdiet tissejjaħ nazzjonali. Billi fi tfuliti kont ta' sikwit nidħol il-Belt biex ngħin lil ziti li kellha ħanut tal-ħwejjeġ, ta' sikwit kont

niltaqa' ma' xi partitarju tal-banda 'La Valette' li kien xi negozjant. Niftakar wieħed jgħidli li bħala partitarju ta' 'La Valette' kien jgħid ma' kulħadd li hu wieħed minn dawk *Siam De La Valette* (Aħna ta' 'La Valette'). Barra minn hekk, li l-partitarji ta' din il-banda, għall-marċijiet kienu jilbsu s-sidrija u l-kappell tat-tibna. Jekk il-lobbja kienet tintuża għall-festa ta' San Pawl Nawfragu jew għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu ma niftakarx li kien qalli. Aktarx kien jintuża għall-festa tal-Karmnu billi din kienet tiġi fil-qilla tas-sajf Malti.

**Bibljografija**


L.Z., "Il-Banda 'La Valette' fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu", La Valette, Soċjetà Filarmonika Nazzjonali, Lulju 1993, Nru 4.

Schembri M., (patri) "Dwar il-Madonna tal-Karmnu, 100 sena Bażilika Minuri", La Valette, Soċjetà Filamonika Nazzjonali, Lulju 1995, Nru 10.

Zahra A., "Soċjetà Filarmonika Nazionale għaliex nazionale?", La Valette Soċjetà Filarmonika Nazzjonali, Lulju 1995, Nru 10






Café Leone

**72, Old Theatre Street, Valletta**

*Offering a wide selection of snacks including tuna rolls, baked rice, timpana, chicken burgers, fish & chips, sweets, minerals & spirits, etc.*

*All items on the menu can be packaged for take-away*

For small or large orders just dial

**2122 1280**



**F. Zammit & Sons**

**FLORIST**

*The Flower Kiosk*

Republic Street, Valletta
Tel/Fax: 2123 8324
Web: www.fzammitgardencentre.com
Email: info@fzammitgardencentre.com